Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

**Brussell, 17 ta' Settembru 2024**
**(OR. en)**

**13458/24**

**LIMITE**

**PROBA 32**
**AGRI 651**
**WTO 115**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0184 (NLE)**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-adeżjoni ta' San Marino mal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda tal-2015<br>- Adozzjoni |

1. Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill irċieva proposta mill-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Membri tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ (IOC) fir-rigward tal-adeżjoni ta' San Marino mal-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa u ż-Żebbuġ tal-Mejda tal-2015 (12690/24 + ADD 1).

2. Fit-13 ta' Settembru 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi qabel permezz ta' konsultazzjonijiet bil-miktub dwar verżjoni riveduta tal-abbozz ta' deċiżjoni, kif issuġġerit mill-Presidenza b'konsultazzjoni mas-Servizz Legali tal-Kunsill (WK 11055/24 ADD 1).

3. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) huwa mistieden:

– jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma dwar Prodotti Bażiċi;
– jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 13457/24, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

4. F'konformità mal-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kunsill.

PUBLIC